MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 684/2013

**Mobisle Communications Ltd**
**C 24655**

**Vs**

**Ladogana Giuseppe**
**ID 60212(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Ottubru, 2013 illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn wiehed u tmenin Ewro u disa' u disghin centezmu (€1281.99) in konnessjoni ma' 79994449 (AC40189251), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 29 ta' Dicembru, 2011.

Illi s-somma ta' elf mitejn wiehed u tmenin Ewro u disa' u disghin centezmu (€1281.99) fuq indikata hija komposta minn hames mija tnejn u tmenin Ewro u disa' u

disghin centezmu (€582.99) dovuti in konnessjoni mas-servizz u dan skont Dokument A anness, flimkien ma sitt mija disgha u disghin Ewro (€699) dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipate skont il-kuntratt.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni

Bl-ispejjez u d-drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 1991/13, u bl-imghax mit-23 t'Awwissu, 2013 data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-24 ta' Settembru, 2014 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-24 ta' Settembru, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf mitejn wiehed u tmenin Ewro u disa' u disghin centezmu (€1281.99) bl-imghax legali, mit-23 ta' Awwissu, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez inlkuz dawk tal-ittra ufficjali 1991/13, ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------